



Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13792/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0070(COD)

PROCIV 88
JAI 1150
COHAFA 89
FIN 719
CODEC 1579
CADREFIN 361

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	10756/2/19 REV 2
Nru dok. Cion:	7271/19
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili - Approċċ ġenerali parzjali

1. Fis-7 ta' Marzu 2019 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.
2. Bejn Marzu u Ottubru 2019 il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili (PROCIV) iddiskuta l-proposta u diversi testi ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza Rumena u dik Finlandiża. Bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet iddaħħlu għadd ta' modifiki fit-test.

3. Il-proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili hija parti mill-proposti settorjali magħmula fil-kuntest tat-tħejjija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. L-ammonti ta' referenza kollha huma pendenti sakemm jiġu konklużi n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2021-2027).
Id-dispożizzjonijiet li ġejjin: il-premessa 8c, il-premessa 8d u l-Artikolu 1(2)(d) jinsabu fil-parentesi biex jirriflettu l-intenzjoni tal-Kunsill li jiggarantixxi l-konsistenza ta' dawn id-dispożizzjonijiet fid-diversi leġislazzjonijiet settorjali tal-QFP, f'konformità mad-dokument 5146/1/19 REV 1.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Ġunju 2019¹.
5. Il-COREPER jingħata l-parir jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar it-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness, li mbagħad ser jifforma l-mandat parzjali għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja tal-Artikolu 294 TFUE.

¹ ĠU C 282, 20.8.2019, p. 49.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

[...] ³ [...]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

² ĠU C **282**, **20.8.2019**, p. **49**.

³ [...]

Billi:

(1) [...] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE[...] ⁴ ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2019/420⁵ li fost l-oħrajn saħħet ir-rispons kollettiv tal-Unjoni għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem billi stabbilixxiet riżerva ta' kapaċitajiet magħrufa bħala "rescEU", irrinfurzat ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili li nġatat isem ġdid u saħħet il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnejjja għalihom. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jenħtieġ li jissaħħaħ aktar.

(2) [...]

(2a) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jista' jagħmel użu minn infrastrutturi tal-Unjoni bħal Galileo. Galileo huwa l-ewwel infrastruttura globali ta' navigazzjoni u ta' pożizzjonament bis-satellita mfassal speċifikament għal għanijiet ċivili fl-Ewropa u mad-dinja kollha, u jista' jintuża f'oqsma oħra bħall-ġestjoni tal-emerġenzi, inkluż attivitajiet ta' twissija bikrija. Is-servizzi rilevanti ta' Galileo ser jinkludu servizz ta' emerġenza, li jxandar, permezz tal-emissjoni ta' sinjali, twissijiet rigward diżastri naturali u emerġenzi oħrajn f'żoni partikolari. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw dan is-servizz. Meta jiddeċiedu li jużawh, sabiex jivvalidaw is-sistema jenħtieġ li jidentifikaw l-awtoritajiet nazzjonali awtorizzati li jużaw dak is-servizz ta' emerġenza u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bihom.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

⁵ Id-Deċiżjoni (UE) 2019/420 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2019 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 77, 20.3.2019, p.1).

- (3) [...] **Jeħtieġ li l-Unjoni** tkun tista' tkompli tiżviluppa r-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u tkopri spejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn għotjiet ta' adattament u l-operat ta' kapaċitajiet allokat i għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili.

(3a) Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri biex iwasslu l-assistenza, ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili jenħtieġ li tissaħħaħ aktar bil-kofinanzjament tal-ispejjeż operazzjonali tal-kapaċitajiet impenjati meta użati barra mill-Unjoni.

- (4) Approprijazzjonijiet finanzjarji adegwati huma meħtieġa sabiex jiġu stabbiliti, imħaddma u operati l-kapaċitajiet resEU, **li huma definiti skont l-atti ta' implimentazzjoni.**
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza maħsub biex ikopri n-nefqa tal-programm sal-aħħar tal-perijodu baġitarju 2014-2020.
- (6) [...] **Dak** il-pakkett finanzjarju [...] **jenħtieġ li jiġi** aġġornat [...] [...] **mid-data tal-applikabbiltà** [...] **tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁶** **biċ-ċifri l-ġodda pprovduti fih.**
- (7) [...]
- (8) **Il-perċentwali għall-adattament għall-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE [...] mhumie x** flessibbli biżżejjed biex jippermetti lill-Unjoni taġġusta l-investimenti fil-prevenzjoni, it-tnejjija u r-reazzjoni kif suppost. Il-livelli ta' investiment li għandhom jiġu allokat i għall-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastru [...] **jenħtieġ** li jiġu ddeterminati bil-quddiem. Dan **in-nuqqas ta' flessibbiltà** jipprevjeni lill-Unjoni milli tkun tista' tirreaġixxi għan-natura mhux prevedibbli tal-ġestjoni ta' diżastri [...]. **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura allokazzjoni sinifikanti ta' fondi għall-azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija sabiex tiggarrantixxi investimenti kontinwi u sostenibbiltà fit-tul f'dawn l-oqsma taċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri.**

⁶ [...]

(8a) Il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju")⁷.

(8b) Sabiex tippromwovi l-prevedibbiltà u l-effettività fit-tul, fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali li jindikaw l-allokazzjonijiet ippjanati. Barra minn hekk, l-allokazzjonijiet futuri proġettati jenħtieġ li jiġu preżentati u diskussi fuq bażi annwali fil-kumitat li jassisti lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

[(8c) F'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) 2018/1046 ("ir-Regolament Finanzjarju") u (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95⁹, (Euratom, KE) Nru 2185/96¹⁰ u (UE) 2017/1939¹¹, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE") jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1)

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

¹² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Għal dik ir-raġuni, ftehimiet ma' pajjiżi u territorji terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwalunkwe kuntratt jew ftehim li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-QEA u lill-OLAF biex iwettqu dawn l-awditi, il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u jiżguraw li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(8d) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹³, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-Ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw ukoll abbażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'din id-Deċiżjoni biex jingħataw id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-OLAF u lill-QEA biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.]

(9) [...]

(10) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tiġi emendata kif xieraq,

¹³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE hija emendata kif ġej:

(-1) Fl-Artikolu 9 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. Meta s-servizz ta' emerġenza jiġi pprovdut minn Galileo, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jużah.

Meta Stat Membru jiddeċiedi li juża s-servizz ta' emerġenza msemmi fl-ewwel subparagrafu, dan għandu jidentifika u jinnotifika lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet nazzjonali awtorizzati li jużaw dak is-servizz ta' emerġenza."

(1) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) [...] **jiddaħħal il-paragrafu** li ġej:

"1**a.** Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-perijodu 2021 sa 2027 għandu jkun ta' [EUR 1 400 000 000 fi prezzijiet attwali]".

(b) **il-paragrafu 2 jitħassar.**

(c) **il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:**

"4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat, fuq il-perijodu 2021-2027, biex ikopri azzjonijiet relatati mal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem."

[...] **(d)** [...] jitħassru l-paragrafi 5 u 6.

(2) L-Artikolu 20a¹⁴ huwa [...] sostitwit b'dan li ġej:

(a)[...]

Artikolu 20a

Viżibbiltà u għotjiet

"1. Il-benefiċjarji ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku. Kwalunkwe assistenza jew finanzjament ipprovduti skont din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu wkoll viżibbiltà xierqa lill-Unjoni, inkluża prominenza lill-emblema tal-Unjoni għal dawk il-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikolu 11, 12 u l-Artikolu 21(2)(c).

2. **Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni biex ir-riżultati tanġibbli tal-azzjonijiet meħuda skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jkunu viżibbli għaċ-ċittadini.**

Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati ma' din id-Deċiżjoni, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat għal din id-Deċiżjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3(1).

[...]

¹⁴ [...]

3. Il-Kummissjoni ser tagħti medalji sabiex tirrikonoxxi u tonora impenji fit-tul u kontribuzzjonijiet straordinarji lill-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni."

(2a) ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 21(3) isir paragrafu ġdid u huwa emendat kif ġej:

"3a. L-assistenza finanzjarja msemmija f'dan l-artikolu tista' tiġi implimentata permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali. Għal azzjonijiet li jestendu lil hinn minn sena waħda, l-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali."

(2b) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal kapaċitajiet impenjati minn qabel fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma għandux jaqbeż 75 % tal-ispejjeż tat-tħaddim tal-kapaċitajiet, inkluż it-trasport, fil-każ ta' diżastru jew ta' diżastru imminenti fl-Unjoni jew barra minnha."

(b) il-paragrafu 3 jiġihassar.

(2c) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 25

Tipi ta' intervent finanzjarju u proċeduri ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

2. L-għajnuna finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni tista' tieħu kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046, b'mod partikolari għotjiet, akkwist jew kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji.

3. Biex timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ħlief għal azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-rispons f'każ ta' diżastru tal-Kapitolu IV, li ma jkunx possibbli li jsir provvediment għalihom minn qabel. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2). Il-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali għandhom jistabbilixxu l-oġettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Fir-rigward tal-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 28(2), il-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet previsti għall-pajjiżi msemmija fihom.
4. Għall-finijiet ta' trasparenza u prevedibbiltà, l-eżekuzzjoni baġitarja u l-allokazzjonijiet futuri proġettati għandhom jiġu ppreżentati u diskussi fuq bażi annwali fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 33. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm infurmat."

(2d) L-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

["Artikolu 27

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fejn pajjiż terz jipparteċipa fil-Mekkaniżmu permezz ta' deċiżjoni skont ftehim internazzjonali jew bis-saħħa ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-OEA jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, tali drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jitwettqu investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013."

(3) L-Artikolu 30¹⁵ huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 2 jitħassar;
- (b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 21(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ".

- (c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Att delegat adottat skont l-Artikolu 21(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill".

(4) L-Anness I jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ. B'deroga minn dan, [...] l-Artikolu 1(-1) u l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.

¹⁵ [...]

Artikolu 3[...]

[...]

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
